MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2003

Numru 121/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Tonna)**

**vs**

**Ramona Vassallo**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputata Ramona Vassallo ta' 31 sena bint Cristino u Maria Pia nee Bartolo residenti "Mario Flats", Flat 2, Triq in-Nadur, Marsascala, detentur ta' karta ta' identita numru 413371(m) akkuzata talli:

1. fil-Furjana minn gewwa Triq San Tumas fl-20 ta' Novembru 2001, bejn il-5.30a.m. u 7.30a.m. ikkommettiet serq ta' stereo tal-marka Sansui kif ukoll diversi oggetti u accessorji ohra a detriment ta' Monica Farrugia minn San

Gwann, liema serq ma jeccedix il-hames mitt lira maltin u kkwalifikat bix-xorta ta’ haga misruqa, bil-valur u bil-mezz u dan ai termini tal-artikoli 261, 263, 267, 271(g), 279(a) u 281(a) tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. fl-istess data, lok u cirkostanzi, volontarjament hassret, jew gharrqet hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamlet hsara fuq vettura tal-ghamla Fiat Punto b’numru ta’ registrazzjoni MON 076 ghad-dannu ta’ Monica Farrugia minn San Gwann liema hsara ma teccedix il-hames mitt lira maltin u dan ai termini tal-artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta mill-imputata;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Il-fatt li ta origini ghal din il-kawza kienet serqa li saret fuq vettura ghamla Fiat Punto bin-numru ta’ registrazzjoni MON 076 proprjeta’ ta’ Monica Farrugia. Apparti hsara kkagunata fil-vettura, skond xhieda tad-derubata, insterqu diversi oggetti li lista taghhom tinstab folio 30, Dok.TM6. Jinghad li s-serqa saret fl-20 ta’ Novembru 2001 u hi kwalifikata bix-xorta tal-haga misruqa, bil-valur u bil-mezz, minbarra l-hsara kkagunata lill-vettura. Issa l-imputata, li giet interrogata appena jumen wara li sehhet is-serqa, giet implikata billi fost l-oggetti misruqa kien hemm voucher (esebit dok. TM4, folio 29) li l-imputata ttentat issarraf ghand l-istabiliment li hargu. L-imputata stqarret fl-interrogazzjoni taghha li l-voucher kienet xtratu minghand persuna ta’ nazzjonalita’ Gharbija ghall-prezz ta’ Lm5 meta l-prezz effettiv tieghu kien Lm15. Minn tficcija li saret fuq l-imputata, li giet arrestata fil-hin li kienet marret issarraf il-voucher, instab tornavit, li ma giex esebit, li pero, mill-istqarrijiet rilaxxjati, jidher li kien wiehed gdid bil-prezz ghadu fuqu.

Illi dan kollu qieghed jinghad billi l-imputata qeghdha tigi akkuzata b'serq u mhux ricettazzjoni u din il-qorti hi tal-fehma li l-provi jwasslu ghar-reat ta' ricettazzjoni izda difficilment ghas-serq. Fil-fatt fuq il-persuna tal-imputata ma nstabet xejn mir-rifurtiva (apparti l-voucher), lanqas il-gift voucher l-iehor elenkat fost l-oggetti li gew misruqa. Kwindi u abbinat mal-fatt li m'hemmx prova dwar jekk kienx dan it-tornavit li ntuza fl-illivar tal-bieba tal-vettura jirrendi aktar verosimili dak sostnut mill-imputata li hi xtrat il-voucher kif stqarret. Fil-fehma tal-qorti l-inferenzi li jistghu jigu adotti fil-pussess recenti tal-oggett misruq fil-kaz in kwistjoni ma humiex bizzejjed biex jillegittimaw l-konkluzjoni ta' reita' fuq imputazzjoni ta' serq. Raggunta din il-konkluzzjoni jsegwi logikament li kontra l-imputata mhi lanqas sostenibbli l-akkuza ta' hsara volontarja dedotta fit-tieni akkuza.

Illi dan premess u billi f'dan il-kaz jikkonfigura r-reat ta' ricettazzjoni li ma giex dedott bhala akkuza, liema reat ta' ricettazzjoni huwa reat distint u separat
mis-serq, oltre li lanqas tikkonfigura, trattasi ta' ricettazzjoni semplici, l-

komplicita', din il-qorti qeghda tiddeciedi li l-akkuzi kif dedotti ma jirrizultawx. Kwindi qeghdha tillibera lill-imputata minn kull htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------